**26 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.**

Dr. Louis Cassar Pullicino *noe*

*versus*

Joseph Caruana Curran *noe*

**Mandat - Mandat ta' Inibizzjoni - Artikolu 873 tal-Kap. 12**

*Ir-rikorrenti talbu li l-intimat jiġi intimat milli jieħu pussess ta'* freezers *proprjeta' tar-rikorrenti* nomine *li kienu jinsabu f'Malta u/jew li b'xi mod iċaqlaq u/jew ineħħi l-istess* freezers.

*Ma rriżulta ebda preġudizzju għar-rikorrenti li kien jiġġustifika l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors u d-dokumenti annessi miegħu;

Rat ir-risposta ta' l-intimat *nomine* u d-dokumenti annessi magħha;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju, 1995 li minnu jirriżulta li d-ditta intimata ddikjarat għal kull *buon fini* li *una volta*, irtirati il-*freezers* mill-ħwienet, hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni illi tikkonsenja dawn il-*freezers* hekk miġbura lid-distributur il-ġdid li għandu jħalli debita riċevuta;

Rat in-nota ta' l-intimat *nomine* ta' l-24 ta' Mejju, 1995 li biha ddikjara li m'għandux bżonn aktar minn ġimgħa żmien biex jiġbor il-*freezers* in kwistjoni mill-ħwienet u jikkonsenjahom lid-distributur il-ġdid;

Ikkunsidrat:

Id-ditta rikorrenti qed titlob li l-intimat *nomine* jiġi inibit "milli jieħu pussess ta' *freezers* proprjeta' tar-rikorrent *nomine* li preżentament jinsabu f'diversi ħwienet u lokalitajiet f'Malta u/jew li b'xi mod iċaqlaq u/jew ineħħi l-istess *freezers*;

Ir-rikorrent *nomine* jidentifika l-preġudizzju tiegħu li jista' jsofri f'każ li l-intimat *nomine* jirtira hu dawn il-*freezers* mill-

ħwienet lokali, li sa ftit ilu kien qed jissuplihom bil-prodotti Mars tas-soċjeta` rikorrenti, f'dawn it-termini;

Għax jiġi spussessat minn proprjeta` tiegħu;

Mhux ser ikun faċli għalih li jirrimpjazza dawn il-*freezers* ġo l-istess ħwienet għas-sajf li ġej; u

Hu evidenti li l-aġir ta' l-intimat *nomine* huwa intiż sabiex jagħmilha mpossibbli għall-esponent *nomine* u/jew id-distributur il-ġdid tiegħu li jimla dawn il-*freezers* bil-prodotti tiegħu;

Il-mandat ta' inibizzjoni hu maħsub biex jikkawtela drittijiet li jirriżulta lill-Qorti li r-rikorrent *prima facie* għandu (artikolu 873 tal-Kap. 12);

Issa hu ovvju illi d-diffikulta` tar-rikorrent *nomine* li jirrimpjazza l-*freezers* ġo l-istess ħwienet fis-sajf li ġej hu għalih problema ta' ġestjoni tan-negozju tiegħu u ċertament mhux xi dritt tiegħu. *Multo magis* meta jirriżulta - kif irriżulta - illi m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali diretta bejn ir-rikorrent *nomine* u l-ħwienet in kwistjoni u li għall-kuntrarju tali relazzjoni kontrattwali teżisti biss bejn tal-ħwienet u l-intimat *nomine*. Din l-aħħar relazzjoni kontrattwali ma' l-intimat *nomine* hi għar-rikorrenti *nomine res inter alios acta*. Hu ukoll ovvju illi ma jidhirx - almenu *prima facie* - illi d-ditta rikorrenti għandha xi dritt li direttament jew permezz tad-distributur il-ġdid tagħha timla dawn il-*freezers* bil-prodotti tagħha fil-ħwienet fejn qegħdin sakemm ma jintlaħaqx ftehim ieħor ma' dawn l-istess ħwienet, direttament mas-soċjeta` rikorrenti jew mad-distributur il-ġdid tagħha. L-impossibbilita` li d-ditta rikorrenti tagħmel dan mhux eskluża, imma anke dan hu

riskju kalkolat tan-negozju li hija ħadet meta tterminat d-*distributorship agreement* lill-intimat *nomine*. Infatti hu ċar li din "id-diffikulta`" u "l-impossibbilita`" fl-operazzjonijiet *ta' negozju* li tirravviża s-soċjeta` rikorrenti fil-każ li ma tiġix milqugħa t-talba tagħha għall-ħruġ tal-preżenti mandat, japplikaw *mutatis mutandis* u anke b'aktar saħħa għas-soċjeta` intimata. Hi ukoll - jekk tiġi milqugħa t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tista' ssib diffikulta` jekk mhux impossibbilita` li tissupplixxi lill-klijenti tagħha bil-ġelat ġdid tagħha speċjalment fejn dawn il-klijenti għandhom biss spazju għal *freezer* wieħed;

Jibqa' għalhekk x'jiġi kkunsidrat l-ewwel preġudizzju avvanzat mir-rikorrent *nomine* u ċjoe` li, jekk ma jiġix akkordat il-mandat ta' inibizzjoni u l-intimat *nomine* jitħalla hu jirtira l-*freezers*, id-ditta minnu rappreżentata ser tiġi "spussessata mill-proprjeta` tagħha". Hu naturali illi l-proprjetarju għandu l-jedd li jippreserva l-proprjeta` tiegħu imma dana mhux neċessarjament u dejjem - kif ġie sottomess mir-rikorrent fit-trattazzjoni - fil-post fejn din tkun tinstab. Inoltre, fil-każ in eżami, id-dritt ta' proprjeta` fil-*freezers* - li issa l-intimat *nomine* jidher li lest jikkonċedi - irid ukoll jiġi rikonċiljat mad-drittijiet li *prima facie* jidher li għandu l-intimat *nomine* naxxenti minn diversi kuntratti li hu kkonkluda mal-klijenti tiegħu biex jinnegozja l-prodott tas-soċjeta` rikorrenti premezz ta' dawn il-*freezers*. Dawn id-drittijiet ukoll potenzjalment jistgħu jiġu ppreġudikati daqs kemm jista' jiġi ppreġudikat id-dritt ta' proprjeta` fil-*freezers*. F'sitwazzjoni simili, il-Qorti qabel takkorda l-mandat ta' inibizzjoni hi fid-dover tevalwa d-drittijiet li l-kontendenti *prima facie* jidher li għandhom u tassigura illi l-ispedizzjoni tal-mandat mitlub hu "meħtieġ" sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent (artikolu 873 (2));

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis:

Li d-ditta intimata għandha obbligazzjoni kontrattwali li tirritorna l-*freezers* lill-proprjetarji tagħhom una volta jiġi - kif ġie - itterminat il-kuntratt ta' *distributorship*;

Li jekk tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrent *nomine*, id-ditta intimata tkun qed tiġi legalment impeduta milli tadempixxi dan l-obbligu tagħha waqt li hi ma tkunx kif mhijiex meħlusa mir-responsabbilita` li tirrestitwixxi l-*freezers* fil-kundizzjoni miftehma mas-soċjeta` li mingħandha ħadithom in konsenja;

Biex teżimi ruħha minn din ir-responsabbilita` s-soċjeta` intimata għandha l-obbligu - u konsegwentement id-dritt - li tirtira l-*freezers* mingħand il-klijenti tagħha f'sitwazzjoni fejn tkun tista' hi ukoll tesiġi dak li hu lilha dovut mis-sidien tal-ħwienet li magħhom ikkontrattat - anke fir-rigward tal-kundizzjoni u manutenzjoni ta' l-istess *freezers*;

Li d-ditta intimata ddikjarat id-disponibilita` tagħha li tirtira dawn il-*freezers* u tikkonsenjahom lis-soċjeta` rikorrenti jew lid-distributur ġdid tagħha. Dan taħt ir-responsabbilita` tagħha. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li s-soċjeta` intimata ser tonqos minn dan l-obbligu tagħha kontrattwali u f'kull każ is-soċjeta` rikorrenti għandha mezzi oħra fil-liġi disponibbli għaliha biex tikkawtela l-interessi tagħha ta' proprjeta` fuq dawn il-*freezers* f'każ ta' inadempjenza. Ma jirriżultax għalhekk il-preġudizzju għad-drittijiet li d-ditta rikorrenti qed tivvanta;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent

*nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu.